MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2014

Numru 435/2012

Il-Pulizija

(Spettur Carol Fabri)

vs

James Attard

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-akkuzat ta’ karta ta’ identita’ numru 446988(m) akkuzat, talli:

1. fl-1 ta’ April 2012 wara nofsinhar fi Triq it-Tlett Knejjes, Balzan, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ hsara fil-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni ISC 206 tal-marka Toyota Starlet, ghad-dannu ta’ Helen Bezzina, liema ammont tal-hsara ma tiskorrix elf mija u sittax il-euro u disgha u sittin centezmu (1164.69), imma izjed minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47);
2. saq vettura tal-ghamla Mazda bin-numru ta’ registrazzjoni MRX 021 b’nuqqas ta’ kont, bi traskuragni jew b’mod perikoluz.

Rat in-nota ta'Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Mill-provi jirrisulta li l-imputat u certa Nikita Meli twielditilhom tarbija minn relazzjoni li kellhom. Fil-gurnata meritu l-kawza l-istess Nikita Meli kienet hadet din it-tarbija sabiex l-imputat jarha u fl-istess hin hu jghaddilha l-manteniment dovut. Jidher li hawnhekk ir-relazzjoni ta' bejnithom kienet spiccat jew waslet biex tispicca. Bhala fatt pero' jirrisulta li din Nikita Meli kienet marret fejn l-imputat bil-vettura meritu dawn il-proceduri (it-Toyota Starlet numru ta' registrazzjoni ISC 206) akkompanjata minn zitha u ommha. Il-vettura in kwistjoni kienet irregistrata fuq ommha, Helen Bezzina, pero' kienet taghmel uzu minnha l-imsemmija Nikita Meli. Dak li wasal ghad-danni soferti lil-vettura sehh meta huma kienu waslu fejn l-imputat jahdem f'forn Hal Balzan u l-imsemmija Nikita Meli osservat li kien hemm mieghu s-siehbha l-gdida tieghu. Minhabba f'hekk il-kwerelanta, Nikita Meli, tghid li telqet u irrifjutat li l-imputat jara it-tarbija. Ftit tal-hin wara pero' reghet daret biex l-imputat itieha l-manteniment dovut. Kompliet tghid hekk: "...kif nitlaq nasal fil-kantuniera fejn il-hanut ta' huh ghax ghandu hanut Hal-Balzan, kif mmur biex naqla, narah (ghall-imputat) hiereg mill-kantuniera, kellu (vettura) RX7 u kif ezatt ha ndur jigi 'wrong side' fuqi bis-sahha…hareg 'wrong side' u waqaf mieghi u imbghad kif waqaf mieghi hu nizzel minn gol-karozza u qabad jghatini..imbghad qabad jghati bil-ponn fuq il-bonnet tal-karozza. Il-bonnet qataghuli minn taht. Kelli l-hsara".

Intant, l-imputat hu akkuzat li ghamel hsara lill-vettura Toyota Starlet meritu dawn il-proceduri u sussidjarjamen ta' sewqan traskurat u perikoluz.

Relattivament il-hsara l-imputat, kif riportat fl-akkorrenza relattiva, ammetta li kien ta xi daqqjiet ta' ponn fuq il-bonnett u kien lest jaghmel tajjeb ghal hsara li ghamel. Dwar dan il-kwerelanta, in kontro-ezami, mistoqsija jekk kienx intlahaq ftehim fuq dan, irrispondiet "iva ghax jien il-karozza issa beghttha" izda ziedet tghid li hija l-karozza tilfet minnha u insistiet li malgrad il-ftheim xtaqet tiehu l-flus ghax tilfet minnha. Hawnhekk, pero', mix-xhieda prodotta, jirrisulta, kif gja notat aktar il-fuq, li l-vettura ma tajtax lilha izda lill-mama taghha li stqarret li kienet injara ta' xi ftheim dwar hsara fil-vettura liema hsara tirrizulta minn dokument wiehed esebit (billi iz-zewg dokumenti l-ohra huma biss stimi) li tammonta ghal 247.37 euro.

Ghaldaqstant, tiddecidi, billi issib u tiddikjara l-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu. Rat l-Artikolu 325(b) tal-Kap 9 u 24 tal-Kap 446. Tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal zmien sentejn mill-lum u tordnalu li zmien mhux aktar tard minn sitt xhur mill-lum ihallas is-somma ta 247.37 euro lill-Helen Bezzina. Licenzja sewqan sospiza tmien t'ijiem mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------